

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Obbligi Ta' Manteniment](#) > [Czechia](#)

Obbligi ta' manteniment

Iċ-Ċekja



Iċ-Ċekja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

Artikolu 71 1. (a) – Qrati għall-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà u qrati tal-appell kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet

Ir-rikorsi għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament għandhom jitressqu quddiem *qorti distrettwali* jew quddiem *uffiċjal eżekuttiv tal-qorti (bailiff)*.

Skont l-Artikolu 201 et seq. tal-Att Nru 99/1963 (il-"Kodiċi tal-Proċedura Ċivili") kif emendat, l-appelli kontra deċiżjonijiet dwar rikorsi għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà, fis-sens tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament jitressqu quddiem il-qorti distrettwali li tkun tat id-deċiżjoni jew quddiem il-qorti distrettwali li jkollha ġurisdizzjoni territorjali skont l-Artikolu 45 tal-Att Nru. 120/2001 dwar l-uffiċjali eżekuttivi tal-qorti u l-attivitajiet ta' eżekuzzjoni (il-"Kodiċi Eżekuttiv") kif ġie emendat l-aħħar.

Fejn ir-rikors għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà jkun ġie ppreżentat minn uffiċjal eżekuttiv tal-qorti, l-appell kontra d-deċiżjoni tal-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għandu jiġi deċiż mill-qorti reġjonali fid-distrett li fiha tinsab il-qorti responsabbli għall-eżekuzzjoni.

Artikolu 71 1. (b) – Proċedura ta' rimedju

Il-proċeduri ta' rimedju msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament huma rikors għal annullament (*žaloba pro zmatečnost*) skont l-Artikolu 229 et seq. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, rikors għar-ritrattazzjoni (*žaloba na obnovu řízení*) skont l-Artikolu 228 et seq. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-appell straordinarju (*dovolání*) skont l-Artikolu 236 et seq. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u għal ċerti każijiet ukoll skont l-Artikolu 30 tal-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji Speċjali.

Madankollu, appell straordinarju mhumiex ammissibbli kontra sentenzi dwar il-mertu tal-kawża fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment.

Il-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' rikors għal annullament u rikors għar-ritrattazzjoni hija tal-qorti li ddeċidiet fil-prim'istanza. F'xi każi speċjali, il-ġurisdizzjoni tkun tal-qorti li d-deċiżjoni tagħha tkun ġiet ikkontestata (ara l-Artikolu 235a tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-ġurisdizzjoni fuq appelli straordinarji hija tal-Qorti Suprema - l-indirizz: Nejvyšší soud ČR, Burešova 20, 657 37 Brno, Czech Republic.

Artikolu 71 1. (c) - Proċedura ta' reviżjoni

Il-qrati li għandhom il-ġurisdizzjoni biex jisimgħu proċedimenti ta' rieżami għall-iskop tal-Artikolu 19 tar-

Regolament huma *l-qrati distrettwali li jkunu taw id-deċiżjoni fil-prim'istanza*.

Il-qorti kompetenti għandha tapplika direttament l-Artikolu 19 tar-Regolament. Hemm possibiltà ta' appell minn deċiżjonijiet li jiċċdu rikors għal rieżami.

Artikolu 71 1. (d) - Awtoritajiet Ċentrali

L-Awtorità Ċentrali hija:

Úřad pro mezinárodněprávní ochranu dětí

(l-Uffiċċju għall-Protezzjoni Legali Internazzjonali tat-Tfal)

Kounicova 683/14

602 00 BRNO

Czech Republic

Telefon: +420 542 215 522

Sit web: <http://www.umpod.cz>

Artikolu 71 1. (e) – Korpi pubbliċi

Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka huwa l-korp pubbliku kompetenti fis-sens tal-Artikolu 51(3) tar-Regolament; huwa għandu l-poteri kollha skont l-Att Nru. 629/2004 dwar l-għoti ta' għajnuna legali f'tilwimiet transkonfinali fl-Unjoni Ewropea, kif emendat, biex jiżgura li l-għajnuna legali tingħata f'konformità mal-Artikolu 51(2)(a) tar-Regolament.

Dettalji ta' kuntatt:

Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka (*Ministerstvo spravedlnosti ČR*)

Vyšehradská 16

128 10 Prague 2

Czech Republic

E-mail: moc@msp.justice.cz

Telefon: 00420 221 997 925

Faks: 00420 221 997 919

<http://www.justice.cz>

Artikolu 71 1. (f) – Awtoritajiet kompetenti għall-eżekuzzjoni

L-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-eżekuzzjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 21 tar-Regolament huma *l-qrati distrettwali*.

Il-ġurisdizzjoni territorjali tagħhom hija rregolata mill-Artikoli 84 sa 86 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili meta r-rikors għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jkun għe magħmul quddiem qorti distrettwali, jew mill-Artikolu 45 tal-Kodiċi Eżekuttiv meta r-rikors ikun għe ppreżentat lil uffiċjal eżekuttiv tal-qorti.

Artikolu 71 1. (g) - Lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet ta' dokumenti

Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti msemmija fl-Artikoli 20, 28 u 40 tar-Regolament huma ċ-Ċek u s-Slovakk.

Artikolu 71 1. (h) - Lingwi aċċettati mill-Awtoritajiet Ċentrali għall-komunikazzjoni ma' Awtoritajiet Ċentrali oħra

Minbarra ċ-Ċek, l-Ingliż u s-Slovakk huma aċċettati wkoll mill-Awtorità Ċentrali għall-komunikazzjoni ma' Awtoritajiet Ċentrali oħra msemmija fl-Artikolu 59.

■ L-aħħar aġġornament: 13/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.